

# Kwadru tal-Immakulata fil-Mużew tal-Arti

*Minn Mario Fenech*



Wieħed mill-kwadri sbieħ u nteressanti li hemm fil-Mużew tal-Arti fil-Belt Valletta huwa dak li fih, Artist mhux magħruf, pinġa lix-xbieha tal-Immakulata Kunċizzjoni.

Dan ix-xogħol sar matul is-seklu sbatax x'aktarx fl-Italja, għandu daqs ta' 189 b'91 ċentimetru. Wasal f'Malta matul is-sena 1965 minn New York fl-Amerika, b'għotja mill-Poplu Malti mis-Sinjura Salvina Zahra.

Dak li pinġa lill-Immakulata ma mexiex mat-tradizzjoni li biha naraw xeni bħal dawn. Il-figura tal-Madonna narawha għarkubtejha bi ktieb miftuħ maġenba. Idejha ma' xulxin bil-ħarsa ta' qdusija u ħelwa tagħha lejn l-art.



Meta wieħed joqgħod jistudja bir-reqqa l-mod li bih qegħda ppreżentata l-figura tal-Madonna f'dan il-kwadru, il-ħsieb tiegħu għandu jmur fuq il-mod li bih is-soltu naraw lill-Madonna fi kwadri fejn is-suġġett ikun t-Tħabbira tal-Arkanġlu Gabrijeli. F'dawn, ix-xena tat-Tħabbira, lill-Madonna dejjem narawha qegħda għarkubtejha tħares l-isfel u b'idejha ma' xulxin.

Il-ħsieb li din hija l-figura tal-Immakulata jiġi mill-kulur ikħal tal-libsa flimkien mal-wiċċ li huwa dak ta' mara matura u mhux ta' xebba b'età żgħira. Li hu żgur huwa l-fatt li dan il-kwadru meta tħares lejh jiġbdek lejn il-ħlewwa flimkien mal-armonija li huwa mogħni biha.

Wara kollox is-suġġett tiegħu huwa wieħed mil-Misteri l-kbar ta' din il-Mara magħżula biex tkun hi Omm Alla. Dik li meta dehret lit-tfajla Bernardina qaltilha "Jien jien l-Immakulata".